Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14497/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0810 (COD)

EF 301
UEM 359
ECOFIN 1087
INST 449
CODEC 2057

**NOTA PUNT "I"**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza/Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew<br>*- Mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew* |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-aħħar proposta ta' kompromess tal-Presidenza għal mandat ta' negozjar rigward ir-rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
**li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 129(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 40.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea[1],

Waqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) jinkludu d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas. Infrastrutturi tas-suq finanzjarju siguri u effiċjenti, b'mod partikolari sistemi tal-ikklirjar, huma essenzjali għat-twettiq ta' dawn il-kompiti bażiċi.

(2) Sabiex jinkisbu l-objettivi tas-SEBĊ u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu diġà jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura sistemi tal-ikklirjar u ta' ħlas effiċjenti u sodi fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi.

(3) Fl-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha f'*Ir-Renju Unit* vs *il-BĊE*, Kawża T-496/111[2], li qalet li l-BĊE m'għandux il-kompetenza meħtieġa biex jirregola l-attività ta' sistemi

[1] Dan in-numru ser jiġi allokat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea meta l-opinjoni tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

tal-ikklirjar. Il-Qorti Ġenerali stqarret li l-Artikolu 129(3) tat-Trattat jippermetti lill-Parlament u lill-Kunsill, hekk kif jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, u fuq rakkomandazzjoni mill-BĊE, biex jemendaw l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali (iktar 'il quddiem "Statut tas-SEBĊ"). Il-Qorti kkonkludiet li "huwa l-kompitu tal-BĊE, fil-każ li jqis li r-rikonoxximent favur tiegħu ta' setgħa regolatorja tal-infrastrutturi li jwettqu clearing ta' operazzjonijiet fuq titoli huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tal-ħidma prevista fir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE, li jitlob lil-leġiżlatur tal-Unjoni emenda għall-Artikolu 22 tal-Istatuti, billi jiżdied riferiment espliċitu għas-sistemi ta' clearing ta' titoli."

(4) Żviluppi sinifikanti fuq livell kemm globali kif ukoll Ewropew huma mistennija li jżidu r-riskji li disturbi li jaffettwaw is-sistemi tal-ikklirjar, b'mod partikolari kontropartijiet ċentrali (CCPs), jheddu t-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika, li finalment jaffettwaw l-objettiv ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

(5) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-Intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Il-ħruġ tar-Renju Unit ser iwassal għal bidla fundamentali fil-mod kif ċerti attivitajiet ta' kklirjar ddenominati f'euro li huma sistemikament importanti huma rregolati, issorveljati u miżmuma taħt superviżjoni, biex b'hekk tiġi affetwata b'mod avvers l-abbiltà tal-Eurosistema li timmonitorja u tiġġestixxi r-riskji għat-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas, u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(6) L-ikklirjar ċentrali qiegħed isir dejjem aktar ta' natura transkonfinali u sistemikament importanti. Minħabba s-sħubija diversa tagħhom u n-natura pan-Ewropea tas-servizzi finanzjarji li jipprovdu, is-CCPs huma ta' importanza kruċjali għall-Unjoni kollha kemm hi, inkluż iż-żona tal-euro. Dan huwa rifless fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], li jistabbilixxi arranġamenti superviżorji kollettivi fil-forma ta' kulleġġi, komposti mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inkluż l-Eurosistema fir-rwol tagħha bħala l-bank ċentrali emittenti tal-euro.

(7) Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, fit-13 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva tagħha sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u s-sikurezza u s-sodezza ta' CCPs li huma ta' relevanza sistemika għal swieq finanzjarji madwar l-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-

[2] ECLI: EU:T:2015:133.

[3] Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

Eurosistema bħala bank ċentrali ta' ħruġ għall-euro jista' jaqdi r-rwol previst fil-proposta leġislattiva, huwa ta' importanza primarja li jkollha s-setgħat rilevanti skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ.

(8) Barra minn hekk, il-BĊE għandu, fuq talba, u limitat għal materja li tirrigwarda l-euro, ikollu s-setgħa li jieħu sehem fi proċeduri li jivvalutaw jekk is-sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi jew xi servizzi tal-ikklirjar tagħha huma ta' tali importanza sistemika sostanzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha li m'għandhomx jiġu rikonoxxuti.

(9) Il-BĊE għandu jkollu s-setgħat relatati ma' sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi li huma sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha biex jitlob il-preżentazzjoni ta' informazzjoni, li jitlob il-kooperazzjoni sħiħa mal-BĊE fil-kuntest tal-kontribut tal-BĊE għall-valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikklirjar għal kondizzjonijiet ħżiena tas-suq u li jeħtieġu sistemi tal-ikklirjar biex jiftaħ kontijiet ta' depożitu mal-lejl mal-BĊE skont il-kriterji u r-rekwiżiti rilevanti għall-aċċess.

(10) F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali biss, bħal pressjonijiet fis-swieq (speċjalment is-swieq tal-flus u tar-riakkwist) li tiddependi fuqhom is-sistema tal-ikklirjar għall-istrumenti finanzjarji biex tikseb likwidità, f'sitwazzjonijiet fejn l-operazzjonijiet ta' sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji jikkontribwixxu għal tnaqqis qawwi fil-likwidità fis-suq jew nuqqasijiet serji ta' ħlas jew arranġamenti ta' saldu li jimpedixxu l-abbiltà tas-sistema tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji li tissodisfa l-obbligi ta' ħlas tagħha jew li żżid il-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha, u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn tal-Unjoni, il-BĊE għandu jkollu wkoll is-setgħat relatati ma' sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi li huma sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha sabiex jadottaw rekwiżiti limitati għad-durata ta' mhux aktar minn sena waħda mmirati biex jindirizzaw riskji ta' likwidità sistemika temporanja li jaffettwaw it-trasmissjoni tal-politika monetarja jew il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' ħlas. Tali rekwiżiti għandhom jippreservaw is-solidità u s-sikurezza finanzjarja tas-sistema tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji, ikunu relatati mal-oqsma ta' kontroll tar-riskju tal-likwidità, ir-rekwiżiti tal-marġini, il-kollateral, l-arranġamenti ta' saldu jew arranġamenti ta' interoperabilità u jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, it-titjib tal-immaniġġar tar-riskji tal-likwidità tas-sistema tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji, bħal żieda fir-riżerva ta' likwidità, żieda fil-frekwenza tal-ġbir ta' marġnijiet tal-istess ġurnata, limiti għal skoperturi bejn il-muniti jew modalitajiet speċifiċi għad-depożitu tal-flus mal-BĊE u s-saldu tal-ħlas f'euro. Meta l-

BĊE jkollu l-intenzjoni li jimponi rekwiżiti f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, huwa għandu jinforma lil korpi oħra rilevanti tal-Unjoni dwar l-intenzjoni tiegħu u jipprovdilhom spjegazzjoni ta' kif ir-rekwiżiti li biħsiebu jimponi jippreservaw is-solidità u s-sikurezza finanzjarja tas-sistema tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji u b'ġustifikazzjoni għaliex huma neċessarji u proporzjonati r-rekwiżiti.

(11) L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ huwa parti mill-Kapitolu IV 'Funzjonijiet u operazzjonijiet monetarji tas-SEBĊ'. Il-kompiti mogħtijin minnu għandhom għalhekk jintużaw biss għall-finijiet tal-politika monetarja.

(12) Minħabba f'hekk, il-BĊE għandu jingħata setgħat fuq is-sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji, b'mod partikolari CCPs, li jinsabu f'pajjiżi terzi u li huma sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, permezz ta' emenda għall-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(13) Atti leġislattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottati abbażi tad-dispożizzjonijiet relatati mal-istabbiliment jew mal-funzjonament tas-suq intern previsti fil-Parti III tat-TFUE, inkluż il-miżuri adottati skont dawk l-atti, jistabbilixxu l-qafas legali ġenerali għal sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji u b'mod partikolari għall-awtorizzazzjoni, ir-rikonoxximent u s-superviżjoni tas-CCPs fid-dritt tal-Unjoni. Filwaqt li l-BĊE għandu jeżerċita s-setgħat tiegħu biex jimponi rekwiżiti rigward is-sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi li huma sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha b'mod indipendenti skont l-Artikolu 130 TFUE, sa fejn meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi ewlenin tas-SEBĊ u biex iwettaq il-kompiti bażiċi tiegħu, għandu jeżerċita tali setgħat b'mod li jieħu kont dovut u li jkun allinjat mal-qafas ġenerali msemmi hawn fuq u għandu, fejn applikabbli, jirrispetta r-responsabbiltajiet istituzzjonali u l-proċeduri stabbiliti f'dak il-qafas,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

Sistemi ta' ħlas u sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji

22.1. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiġu żgurati sistemi tal-ikklirjar u tal-ħlas effiċjenti u sodi fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi.

22.2. Sabiex jinkisbu l-objettivi tas-SEBĊ u jwettaq il-kompiti tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-BĊE skont l-Artikolu 7 u b'kont dovut lejn u f'allinjament ma' atti leġislattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u miżuri adottati skont tali atti, il-BĊE jista', fir-rigward tas-sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi li huma sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha:

(a) jirrikjedi li tali sistemi tal-ikklirjar:

- jippreżentaw informazzjoni,
- jikkooperaw fil-valutazzjoni tar-reżiljenza tagħhom għal kondizzjonijiet ħżiena tas-suq,
- jiftħu kontijiet ta' depożitu mal-lejl u,
- f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, jaderixxu ma' rekwiżiti limitati għal durata ta' mhux aktar minn sena waħda rigward il-kontroll tar-riskju tal-likwidità, l-arranġamenti tas-saldu, il-marġini, il-kollateral jew l-arranġamenti tal-interoperabilità li għandhom l-għan li jindirizzaw ir-riskji ta' likwidità sistemika temporanja li jaffettwaw it-trasmissjoni tal-politika monetarja jew il-funzjonament bla xkiel tas-sistemi ta' pagament filwaqt li jippreservaw is-solidità finanzjarja ta' tali sistemi tal-ikklirjar.

(b) jieħdu sehem fi proċeduri skont id-dritt tal-Unjoni marbuta mar-rikonoxximent ta' tali sistemi tal-ikklirjar għal strumenti finanzjarji.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."